



# Aħbar Tajba

Is 62, 1-5
Salm 95, 1-2a. 2b-3. 7-8a. 9-10aċ
1 Kor 12, 4-11
Ġw 2, 1-11

"Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu **dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."**

Karol Wojtyła, li aktar 'il quddiem sar magħruf bħala l-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, kellu biss disa' snin meta tilef lill-għażiża ommu. Kienet telfa kbira kemm għalih kif ukoll għal missieru. Iżda ftit jiem wara l-mewt tagħha, missieru ħadu fis-Santwarju fejn soltu kienu jmorru jieħdu sehem fil-quddies, ħadu quddiem xbieha devota ta' Marija u waqt li jurihielu qallu li minn issa 'l quddiem, dik kienet ommu.

Dan il-kliem baqa' f'qalbu ħajtu kollha u meta ntgħażel biex ikun Papa, iddeċieda li bħala motto tiegħu jagħżel il-kliem 'totus tuus', 'kollni tiegħek'. Dawn iż-żewġ kelmiet juru l-imħabba kbira li kellu lejn Marija. Hu stess jistqarr li fl-aktar mumenti diffiċli ta' ħajtu, din ommu tas-sema, kienet dejjem hemm għalih biex tgħinu. Ma jfissirx li ma ġewhx mumenti diffiċli, imma f'dawn il-mumenti kienet hemm miegħu tgħinu jirbaħ id-diffikultajiet.

Din l-omm tas-sema li Ġwanni Pawlu II tant kien iħobb hi ommna wkoll, u bħalma kienet għajnuna kbira għal dan il-Papa qaddis, Marija dejjem lestha li tgħin lil uliedha fil-bżonn. Fil-Vanġelu tal-lum naqraw li kif indunat li l-inbid kien spiċċa mill-ewwel ippruvat tgħin biex dak il-jum tant importanti għall-miżżewġin ta' Kana ma jispiċċawhx f'dispjaċir.

U b'għaġeb ta' kulħadd, anke tagħna llum, Ġesù għal kliem ta' ommu Marija jagħmel l-ewwel miraklu tiegħu u jgħin lil dik il-koppja. Anqas kien hemm ċans li jindunaw li l-inbid kien naqas. Ħadd ma nduna bil-miraklu ħlief dak li jieħu ħsieb il-mejda u xi qaddejja. Il-bqija tan-nies kien mingħalihom li f'dan it-tieġ ħallew l-aħjar inbid għall-aħħar.

Marija hekk taħdem f'ħajjitna – fil-moħbi u fis-skiet. Għax is-skiet ma jfissirx li mhix hemm. Għalkemm mhux se narawha ħdejna, miexja maġenbna, imma meta nħalluha tgħinna, ħajjitna tinbidel u ftit ftit insiru nixbhu lil binha Ġesù. Għax, kif jgħid San Bernard, dawk kollha li jduru lejn Marija, hi tidħol għalihom biex tgħinhom jirbħu d-diffikultajiet u jsiru qaddisin.

Għalhekk ejjew, fil-bidu ta' din is-sena ġdida nippruvaw naqsmu dak li ngħaddu minnu ma' ommna Marija. Ejjew spiss niftakru fiha u nitolbuha: "O Marija li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa, aqlgħalna l-grazzja li ngħixu fiha u noħorġu minnha mingħajr ħtija."



Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu:
**"Ma għandhomx inbid."**

## Sib il-Kelma

**Fost dawn l-ittri t'hawn taħt għandek issib tnax-il kelma moħbija marbuta mas-silta li qrajna llum. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

KANA, GALILIJA, TIEĠ, DIXXIPLI, INBID, ĠARAR, ILMA, QADDEJJA, MARIJA, ĠESÙ, GĦARUS, SINJALI

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | K | T | F | M | A | R | I | J | A |
| Ċ | A | S | GĦ | A | R | U | S | S | Q |
| F | N | L | F | P | D | A | Ġ | I | A |
| G | A | L | I | L | I | J | A | N | D |
| B | E | N | Ġ | J | X | E | R | J | D |
| T | O | K | Ġ | S | X | I | A | A | E |
| B | A | R | E | F | I | U | R | L | J |
| T | IE | Ġ | S | GĦ | P | Z | V | I | J |
| A | B | Ħ | Ù | G | L | I | L | M | A |
| I | N | B | I | D | I | E | S | W | Ż |



## It-talba tar-Rużarju

It-talba tar-Rużarju hija talba li matul iż-żmien inbidlet u kibret sakemm waslet għandna. Il-bidu tagħha tafu fi żmien meta n-nies ma setgħux jaqraw l-Evanġelju u allura fil-posti ta' din it-talba kien hemm verżjoni qasira tal-ġrajjiet prinċipali tal-ħajja ta' Ġesù. Hekk in-nies li qajla kienu jafu jaqraw kienu jitgħallmu ftit titli jew sentenzi qosra imma li kienu jfakkruhom fil-ġrajjiet il-kbar tal-fidi tagħna.



Kien qisu Vanġelu ieħor, mhux wieħed mimli b'wisq kliem, imma wieħed qasir mibni fuq ħames xeni differenti. Kull xena tfakkarna fi ġrajja li ħafna drabi nsibuha fil-Vanġelu, imma din id-darba fiha perspettiva differenti, għax qisu qed naraw il-ħajja ta' Ġesù mill-għajnejn ta' ommu Marija. Għalkemm din it-talba hi meqjusa talba marjana, biha nkunu qed inħallu lil Marija tlaqqgħana mal-Iben tagħha Ġesù.

It-talba hi waħda sempliċi. Barra l-misteri li jiġbru fihom ġrajjiet mill-Evanġelju, jintalbu Missierna u Ħobżna, u għal għaxar darbiet nitolbu Sliema u Qaddisa u fl-aħħar nispiċċaw bit-talba tal-Glorja sakemm nerġgħu nibdew dan kollu b'misteru ġdid.

Imma hawn nistħajjilkom tistqasu għaliex din it-talba fiha tant repetizzjoni? L-idea wara din it-talba mimlija repetizzjoni hi li taqtagħna ftit mill-ħajja ta' kuljum tagħna u mill-ħafna ħsibijiet li jgħaddu minn moħħna biex inħossu l-preżenza ta' Alla. Qisu bħal radju li tibdillu l-frekwenza tiegħu biex jaqbad stazzjoni ġdid. B'talba bħar-rużarju, għal ftit ħin inkunu qed ninqatgħu ftit mill-frekwenza tal-ħajja mgħaġġla tagħna u nidħlu fil-frekwenza ta' Alla.

### Din il-Ġimgħa...

**Sib ħin biex fil-kwiet titlob it-talba tar-Rużarju. Tista' wkoll tħeġġeġ lil xi ħadd min sħabek jew inkella lill-familja tiegħek biex titolbuh flimkien. Tinsiex li l-misteri li se taħseb dwarhom jinbidlu matul il-ġimgħa.**

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

**Aħbar Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION